

Brussell, 4 ta' Ottubru 2019
(OR. en)

12791/19

ENV 826
COMPET 661
AGRI 481
TRANS 468
MI 694
IND 246
CONSOM 261
ECOFIN 852
ENER 453
RECH 449
SAN 417
MARE 21
SOC 655
CHIMIE 127
ENT 221

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	4 ta' Ottubru 2019
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 12484/19	
Nru dok. Cion:	7128/19 - COM(2019) 190 final + ADD 1
Suġġett:	Aktar ċirkolarità - Transizzjoni lejn soċjetà sostenibbli - Konklużjonijiet tal-Kunsill

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq, kif adottati mill-Kunsill fit-3716-il laqgħa tiegħu li saret fl-4 ta' Ottubru 2019.

Aktar ċirkolarità - Transizzjoni lejn soċjetà sostenibbli

- Konklużjonijiet tal-Kunsill -

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

FILWAQT LI JFAKKAR:

Fid-Deċizzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-Tmien' Programm ta' Azzjoni Ambjentali (EAP) "Ngħixu tajjeb, fil-limiti tal-pjaneta tagħna"¹ għal ekonomija effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, ekoloġika u kompetittiva, b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju kif ukoll fl-evalwazzjoni tal-programm;

Fir-Risoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew dwar il-ġestjoni tal-iskart; il-pakkett tal-istrateġija dwar l-akkwist pubbliku; l-implimentazzjoni tal-pakkett tal-ekonomija ċirkolari: alternattivi li jindirizzaw l-interfaċċa bejn il-leġislazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi, dwar il-prodotti u dwar l-iskart; u strateġija Ewropea għall-plastiks f'ekonomija ċirkolari;

Fir-Risoluzzjoni tal-AĠNU dwar "Nittrasformaw id-dinja tagħna: l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli", l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs), id-Dikjarazzjoni Ministerjali tal-UNEA-4, li fiha l-komunità globali qablet li tippromwovi xejriet ta' konsum u ta' produzzjoni sostenibbli permezz tal-ekonomija ċirkolari, ir-Risoluzzjonijiet li ġejjin tal-UNEA: 2/8 dwar il-produzzjoni u l-konsum sostenibbli, 4/1 dwar modi innovattivi kif niksbu konsum u produzzjoni sostenibbli, 4/6 dwar l-iskart tal-plastik u l-mikroplastiks fil-baħar, 4/9 dwar it-tniġġis bi prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss, u 2/7 u 4/8 dwar il-ġestjoni tajba ta' sustanzi kimiċi u skart;

¹ ĠU L 354, 28.12.2013, p. 171.

Fil-Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar "L-għeluq taċ-ċirku - Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-Ekonomija Ċirkolari"², "Ir-rwol tal-enerġija mill-iskart fl-ekonomija ċirkolari"³, "Strateġija Ewropea għall-Plastiks f'Ekonomija Ċirkolari"⁴, "Qafas ta' monitoraġġ għall-ekonomija ċirkolari"⁵, "L-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni għal Ekonomija Ċirkolari"⁶, "L-implimentazzjoni tal-pakkett tal-ekonomija ċirkolari: alternattivi li jindirizzaw l-interfaċċa bejn il-leġislazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi, dwar il-prodotti u dwar l-iskart"⁷, kif ukoll id-Dokument ta' Fiddma tal-Persunal dwar "Prodotti Sostenibbli f'Ekonomija Ċirkolari - Lejn Qafas ta' Politika tal-UE dwar il-Prodotti li jikkontribwixxi għall-ekonomija ċirkolari"⁸;

Fl-Aġenda Strateġika l-Għdida għall-2019-2024 adottata mill-Kunsill Ewropew fl-20 ta' Ġunju 2019, li tinsisti fuq il-hteġa urġenti li tinbena Ewropa newtrali għall-klima, ekoloġika, ġusta u soċjali;

Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar:

- L-għeluq taċ-ċirku - Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-Ekonomija Ċirkolari⁹,
- Immaniġġar Sostenibbli tal-Ilma¹⁰,
- L-Ekoinnovazzjoni: biex tkun tista' ssir transizzjoni lejn ekonomija ċirkolari¹¹,
- It-twettiq tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-Ekonomija Ċirkolari¹²,
- Lejn Unjoni dejjem aktar sostenibbli sal-2030¹³,
- Strateġija għall-Politika Industrijali tal-UE: Viżjoni għall-2030 ¹⁴,
- Lejn Strateġija tal-Unjoni rigward il-Politika dwar is-Sustanzi Kimiċi¹⁵,
- It-Tmien Programm ta' Azzjoni Ambjentali - Nibdlu x-Xejriet Flimkien¹⁶;

² 14972/15 + ADD 1 - COM(2015) 614 final.
³ 5801/17 - COM(2017) 34 final.
⁴ 5477/18 + ADD 1 - COM(2018) 28 final + ADD 2.
⁵ 5478/18 - COM(2018) 29 final + ADD 1.
⁶ 7128/19 - COM(2019) 190 final + ADD 1.
⁷ 5479/18 - COM(2018) 32 final + ADD 1.
⁸ 7121/19 - SWD(2019) 91 final.
⁹ 10518/16.
¹⁰ 13342/16.
¹¹ 15811/17.
¹² 10447/18.
¹³ 8286/19.
¹⁴ 9706/19.
¹⁵ 10713/19.
¹⁶ 12795/19.

FILWAQT LI JENFASIZZA li l-ekonomija ċirkolari hija faċilitatur importanti biex jiġi żgurat ir-rispett tal-limiti tal-pjaneta, jitwaqqaf it-telf tal-bijodiversità, u jitnaqqsu l-emissjonijiet globali ta' gass serra, u li din tista' tikkontribwixxi biex nilħqu l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi;

FILWAQT LI JFAKKAR fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Pjaneta Nadifa għal kulħadd" li tippreżenta viżjoni strateġika fit-tul għal ekonomija tal-UE newtrali għall-klima sal-2050, li tenfasizza fost l-oħrajn ir-rwol importanti tal-ekonomija ċirkolari biex jiġu limitati l-emissjonijiet ta' gass serra, u fir-rapport speċjali tal-IPCC dwar it-Tisħin Globali ta' 1.5 °C;

FILWAQT LI JISSOTTOLINJA li r-Rapport ta' Valutazzjoni Globali tal-IPBES tal-2019 dwar il-Bijodiversità u s-Servizzi tal-Ekosistema jindika b'mod ċar li ċ-ċaqliq lejn mudelli ta' produzzjoni u ta' konsum aktar sostenibbli, li jnaqqsu l-konsum totali u jnaqqsu l-iskart huma essenzjali sabiex jintlaħqu l-għanijiet globali għall-konservazzjoni tan-natura u l-bijodiversità;

FILWAQT LI JENFASIZZA li l-prospettivi tar-riżorsi globali 2019 (Global Resources Outlook 2019) tal-Bord Internazzjonali għar-Riżorsi jindikaw li l-estrazzjoni u l-ipproċessar tar-riżorsi jirrappreżentaw aktar minn 90 % tat-telf tal-bijodiversità globali u l-impatti tal-istress idriku u madwar nofs l-emissjonijiet globali li jikkontribwixxu għat-tibdil fil-klima;

FILWAQT LI JFAKKAR fis-sejbiet tal-prospettivi globali dwar is-sustanzi kimiċi II (Global Chemicals Outlook II), li tiddikjara li prodotti b'konċentrazzjoni għolja ta' sustanzi kimiċi u l-ktajjen ta' provvista globali kumplessi joħolqu sfidi għaċ-ċirkolarità;

FILWAQT LI JFAKKAR fid-Dokument ta' Riflessjoni tal-Kummissjoni "Lejn Ewropa sostenibbli sal-2030" u l-fatt li ekonomija ċirkolari hija rilevanti biex jintlaħqu l-SDGs billi tippermetti ċaqliq lejn produzzjoni u konsum sostenibbli, il-promozzjoni ta' teknoloġiji sostenibbli u l-iżgurar tal-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali; FILWAQT LI JISSOTTOLINJA li l-Unjoni u l-Istati Membri għad iridu jagħmlu sforzi konsiderevoli biex jikkonformaw ma' dawn l-għanijiet;

FILWAQT LI JISSOTTOLINJA li l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Aġġornata dwar il-Bijoeconomija "Bijoeconomija sostenibbli għall-Ewropa", li attwalment qed tiġi evalwata mill-Kunsill, b'mod ċirkolari, innovattiv u sostenibbli ser tgħin biex jiġi żgurat ir-rispett tal-limiti tal-pjaneta u jitwaqqfu t-telf tal-bijodiversità, id-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-art u tal-ekosistemi;

FILWAQT LI JFAKKAR li l-ilma huwa riżorsa ewlenija li għandha tintuża b'mod sostenibbli u effiċjenti b'żieda xierqa fl-użu mill-ġdid tal-ilma li tikkontribwixxi għall-ekonomija ċirkolari u tindirizza l-iskarsezza tal-ilma u n-nixfa fl-Unjoni li hija aggravata miż-żieda fit-tibdil fil-klima; FILWAQT LI JILQA' l-fatt li l-Kummissjoni pproponiet leġislazzjoni li tikkontribwixxi għal dawn l-għanijiet;

FILWAQT LI JFAKKAR li l-Kummissjoni hija mistiedna tippreżenta viżjoni fit-tul tal-futur industrijali tal-Unjoni sa tmiem l-2019 u l-intenzjoni tal-President elett tal-Kummissjoni li tippreżenta Patt Ekoloġiku Ewropew;

FILWAQT LI JTENNI li l-ekonomija ċirkolari ser tagħti spinta lill-produttività tar-riżorsi tal-Ewropa, tikseb ġestjoni sostenibbli u użu effiċjenti tar-riżorsi naturali, tnaqqas id-dipendenza fuq riżorsi mhux rinnovabbli u materja prima kritika, tiġġenera kobenefiċċji u ffrankar tal-ispejjeż, u toħloq l-impjiegi;

L-Ekonomija Ċirkolari - storja Ewropea ta' suċċess

1. JAGĦRAF l-impenn tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri li jippromwovu l-ekonomija ċirkolari; JAPPREZZA l-azzjonijiet meħuda u r-riżultati li nkisbu biex nistinkaw lejn ekonomija ċirkolari; JINNOTA madankollu li huma meħtieġa aktar sforzi biex tingħata spinta lit-transizzjoni; JAPPOĠĠA BIS-SĦIĦ l-isforzi tal-Kummissjoni biex tikkomplementa l-qafas leġislattiv u tidentifika l-ostakli li jxekklu l-ekonomija ċirkolari fl-Ewropa;

2. JIRRIKONOXXI l-isforzi tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha biex isiru mexxejja globali fil-promozzjoni tal-ekonomija ċirkolari kemm bilateralment kif ukoll multilateralment, inkluż missjonijiet dwar l-ekonomija ċirkolari f'pajjiżi terzi u l-Fora Dinjija dwar l-Ekonomija Ċirkolari; u JISSOTTOLINJA li r-rwol tal-Unjoni kien strumentali biex jinżamm il-momentum meħtieġ biex jittieħdu l-ewwel passi lejn konsum u produzzjoni sostenibbli u ġestjoni sostenibbli tal-iskart; ITENNI l-impenn tal-Unjoni li tiġġieled l-iskart mill-plastik fil-baħar, inkluż il-mikroplastiċi, kemm minn sorsi fuq l-art kif ukoll minn dawk fl-ilma;
3. IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jlestu l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet inklużi fil-Pjan ta' Azzjoni għall-Ekonomija Ċirkolari; JAGĦRAF il-potenzjal mhux sfruttat li joffri l-użu ta', fost l-oħrajn , inċentivi ekonomiċi u fiskali, id-diġitalizzazzjoni u l-intelliġenza artifiċjali; IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni biex tkompli taħdem fuq l-interfaċċa bejn il-leġislazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi, il-prodotti u l-iskart; JISĦAQ li jenħtieġu politika koerenti fil-qasam tal-prodotti ċirkolari u investimenti, b'mod partikolari fl-infrastruttura biex jinċentivaw l-innovazzjoni u s-swieq għal materja prima sekondarja ta' kwalità għolja u mudelli ta' negozju ċirkolari bbażati fuq is-servizzi;
4. JAGĦRAF li l-ġestjoni sostenibbli tal-iskart u tal-materjali hija waħda mill-pedamenti ewlenin tal-ekonomija ċirkolari; IFAKKAR fl-importanza ta' implimentazzjoni sħiħa tal-*acquis* dwar l-iskart, iggwidata mill-prinċipju tal-ġerarkija tal-iskart, li tinkiseb il-ħidma preparatorja għall-miri tal-użu mill-ġdid, ir-riċiklaġġ u l-landfills u li jintemm ir-rimi fil-landfills ta' skart muniċipali mhux ittrattat malajr kemm jista' jkun;
5. JAGĦRAF l-importanza tal-involvement u l-kollaborazzjoni b'saħħitha tal-industrija fil-katina tal-valur fit-transizzjoni lejn ekonomija ċirkolari; f'dan ir-rigward, JAPPOĠĠA l-ħidma tal-Alleanza Ċirkolari dwar il-Plastik u JILQA' d-Dikjarazzjoni tal-Alleanza Ċirkolari dwar il-Plastik favur iż-żieda fl-użu tal-plastik riċiklat fil-prodotti l-ġodda;

6. JAPPOĠĠA inizjattivi ta' kollaborazzjoni mwettqa minn Stati Membri, partijiet ikkonċernati u l-Kummissjoni biex jippromwovu ċ-ċirkolarità; JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li l-pjattaformi tan-netwerk iddedikati jiffaċilitaw il-kollaborazzjoni transkonfinali, itejbu l-innovazzjoni, u jħaffu l-proċess tal-implimentazzjoni tal-aħjar prattiki; IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħmlu aktar użu mill-Pjattaforma Ewropea tal-Partijiet Interessati tal-Ekonomija Ċirkolari u ċ-Ċentru Ewropew tal-Għarfien dwar l-Użu Effiċjenti fir-Riżorsi;

Strateġija għall-Ekonomija Ċirkolari 2.0

7. JAGĦRAF li l-azzjoni ta' politika dwar l-ekonomija ċirkolari tal-Unjoni kienet suċċess, iżda JISĦAQ li jenħtieġu azzjonijiet aktar numerużi, aktar ambizzjużi u fuq skala akbar biex iwasslu għal transizzjoni sistemika, fejn mudelli ta' produzzjoni u konsum ċirkolari, sikuri u sostenibbli newtrali għall-klima u soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura jsiru kompetittivi u integrati;
8. IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jintegraw l-ekonomija ċirkolari fil-politiki u l-istrateġiji rilevanti kollha, inkluż it-tmien EAP futur, u jagħmluha wieħed mill-pedamenti tal-vizzjoni fit-tul tal-futur industrijali tal-Unjoni; JISSOTTOLINJA li ekonomija ċirkolari tista' ttejjeb b'mod sinifikanti r-reżiljenza u l-kompetittività tan-negozji, tas-soċjetajiet, tal-bliet u tar-reġjuni;
9. IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jqisu d-diversità tas-sitwazzjonijiet fid-diversi reġjuni tal-Unjoni, inklużi r-reġjuni ultraperiferiċi, u l-effetti soċjali u ekonomiċi tat-transizzjoni, u jieħdu miżuri xierqa biex jiżguraw transizzjoni ġusta u inklużiva għal kulħadd, filwaqt li jieħdu ħsieb speċjalment biex jipprevjenu effetti negattivi fuq dawk l-aktar vulnerabbli;

10. JISĦAQ li biex niksbu soċjetà newtrali għall-klima u għall-protezzjoni tal-bijodiversità hu fundamentali biex nisfruttaw il-potenzjal tal-ekonomija ċirkolari; IĦEĠĠEĠ lill-Unjoni u lill-Istati Membri jintegraw azzjonijiet favur l-ekonomija ċirkolari fl-istrateġiji fit-tul tagħhom skont il-Ftehim ta' Pariġi u fl-Istrateġiji nazzjonali għall-Bijodiversità skont il-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika, kif ukoll fl-istrateġiji għall-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030; JISSOTTOLINJA li l-ekonomija ċirkolari tista' tnaqqas l-emissjonijiet ta' gass serra minn sorsi mhux direttament indirizzati mill-politika attwali dwar il-klima;
11. JISĦAQ li l-ekonomija ċirkolari hija għodda effettiva biex jiġu indirizzati l-fatturi u l-għeruq tat-telf tal-bijodiversità u għalhekk JIRRAKKOMANDA li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jinvestigaw l-għażliet biex jintroduċu miri possibbli ta' effiċjenza fl-użu tar-riżorsi għall-konservazzjoni u r-restawr tal-bijodiversità, għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gass serra u għall-promozzjoni ta' bidla fix-xejriet ta' konsum u ta' produzzjoni, bl-użu ta' inqas materjal, bl-użu ta' materjal għal kemm jista' jkun tul ta' żmien u billi jkun hemm ċaqliq lejn ċikli ta' materjal mhux tossiku;
12. JENFASIZZA l-importanza tal-kooperazzjoni internazzjonali u t-teknoloġiji diġitali fl-appoġġ lil ktajjen ta' provvista u ta' valur sostenibbli u traċċabbli, kif ukoll użu globali ġust, sostenibbli u effiċjenti tar-riżorsi naturali; IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jesploraw l-opportunitajiet għal ftehim internazzjonali dwar il-ġestjoni tar-riżorsi naturali sabiex nimxu lejn użu sostenibbli u effiċjenti tar-riżorsi naturali;
13. JISSOTTOLINJA li l-bliet u r-regġuni jaqdu rwol ta' pijunieri fit-transizzjoni lejn ekonomija ċirkolari u jiffunzjonaw bħala ċentri għal bidla ċirkolari; IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimmobilizzaw u jappoġġaw lir-regġuni u l-bliet biex ifasslu pjanijiet ta' azzjoni konkreti għal ekonomija ċirkolari sikura u sostenibbli newtrali għall-klima, itejbu l-ġestjoni tal-iskart permezz tal-politika, investimenti u proġetti pilota, u joħolqu pjattaformi ta' innovazzjoni li jattivaw is-settur privat u jħeġġu s-simbjożi industrijali bejn il-kumpaniji sabiex jiġi minimizzat l-użu tar-riżorsi;

14. JISSOTTOLINJA l-importanza li jinħoloq suq uniku li jiffunzjona tajjeb għal materja prima sekondarja mhux tossika u ta' kwalità għolja, li hija sikura għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent u l-importanza li tiġi evitata r-rilokazzjoni tal-materjal mill-Unjoni; JISĦAQ l-importanza li tittejjeb it-traċċabbiltà; JAPPELLA GĦAL aktar ħidma dwar ir-rekwiżiti tal-prodotti u l-istandardizzazzjoni, b'kont meħud b'mod partikolari tal-effiċjenza fir-riżorsi, il-kontenut ta' sustanzi ta' tħassib u r-riċiklabbiltà u l-adozzjoni ta' approċċ taċ-ċiklu tal-ħajja fir-rigward ta' prodotti u materjali riċiklati; JAPPELLA GĦAL investimenti strutturali fl-infrastruttura tar-riċiklaġġ tal-UE fost l-oħrajn permezz ta' użu effettiv tal-finanzjament eżistenti tal-UE; JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni tesplora possibbiltajiet biex jiġu estiżi, lil hinn mill-fliexken tal-plastik, ir-rekwiżiti minimi marbuta mal-kontenut ta' materja prima sekondarja fil-prodotti; JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tikkunsidra kif il-movimenti tal-iskart maħsub għar-riċiklaġġ jistgħu jiġu ffaċilitati fl-Unjoni filwaqt li jiġu żgurati l-protezzjoni ambjentali u tas-saħħa u, jekk xieraq, biex tippreżenta proposta għal reviżjoni tar-Regolament dwar vjeġġi ta' skart, b'kont meħud tar-riżultati tar-rieżami li għaddej tar-Regolament;
15. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tippreżenta qafas strateġiku ambizzjuż fit-tul tal-UE għall-ekonomija ċirkolari, li jinvolvi viżjoni komuni, strumenti ta' politika u qafas ta' monitoraġġ; JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni tadotta Pjan ta' Azzjoni għdid għall-Ekonomija Ċirkolari b'azzjonijiet immirati mingħajr dewmien, li jibni fuq il-Pjan ta' Azzjoni għal Ekonomija Ċirkolari tal-2015, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati, li jistabbilixxi rabtiet ċari ma' oqsma oħra ta' politika bħat-tibdil fil-klima, il-bijodiversità, il-bijoekonomija, id-diġitalizzazzjoni u l-politika industrijali;

Strateġiji mmirati għal setturi ewlenin

16. JIRRIKONOXXI l-ħtieġa għal strateġiji komprensivi u azzjoni mmirata li jindirizzaw b'mod sistematiku ċ-ċirkolarità fil-katina tal-valur, inkluż mill-perspettiva tal-konsumatur, fis-setturi tal-konstruzzjoni u tad-demolizzjoni, tal-ikel, tat-tessuti, tal-mobbiltà u tal-elettronika; JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni, flimkien mal-partijiet ikkonċernati, biex tħejji tali strateġiji li jkopru miri, politiki, strumenti, indikaturi u monitoraġġ tar-riżultati f'dawn is-setturi ewlenin u biex tkompli tippromwovi l-ekonomija ċirkolari f'setturi, bħat-turiżmu; JISSOTTOLINJA l-importanza tal-promozzjoni tal-użu effiċjenti fir-riżorsi u tal-forniment responsabbli u sostenibbli ta' materja prima f'setturi li jgħolqu riskji sinifikanti għas-saħħa, il-bijodiversità u l-ekosistemi;

17. JINDIKA li s-settur tal-bini u tal-infrastruttura huwa l-akbar konsumatur tal-enerġija fl-Ewropa, li s-settur huwa ferm intensiv fil-materja u fil-karbonju, li l-iskart tal-kostruzzjoni u d-demolizzjoni jammonta għal terz tal-iskart iġġenerat fl-Unjoni u li r-rinnovazzjoni ta' bini eżistenti u bini u infrastruttura ċirkolari ġodda jista' jkollhom rwol fit-transizzjoni ekoloġika; IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni biex tinkludi u tiffaċilita r-rekwiżiti mmirati li jappoġġjaw iċ-ċirkolarità tal-prodotti tal-kostruzzjoni fir-reviżjoni possibbli tar-Regolament dwar il-Prodotti għall-Bini (CPR) u biex tinkludi dawn ir-rekwiżiti f'mandati għal standards armonizzati tal-prodotti; JAPPOĠĠA l-integrazzjoni ta' prinċipji ta' ċirkolarità fis-settur tal-bini permezz tal-iżvilupp ta' għodod bħall-Livell(i), l-Impronta Ambjentali tal-Prodott u d-Dikjarazzjoni tal-Prodotti Ambjentali, soluzzjonijiet effiċjenti għall-ġestjoni ta' tmiem il-ħajja u l-użu ta' riżorsi rinnovabbli;
18. JISĦAQ li sistemi tal-ikel mhux sostenibbli jikkontribwixxu għall-emissjonijiet globali ta' gass serra, għat-telf tal-bijodiversità, għad-degradazzjoni tal-art u għad-deforestazzjoni globali; JISĦAQ li sistema tal-ikel sostenibbli, sikura u ċirkolari frabta qawwija mas-sigurtà tal-ilma u tal-enerġija hija kruċjali biex jinkisbu għadd ta' SDGs; JISSOTTOLINJA li jridu jiġu aċċellerati l-isforzi biex l-SDG 12.3 li jitnaqqas bin-nofs il-ħela tal-ikel per capita fil-livelli tal-bejgħ bl-imnut u tal-konsumatur u jitnaqqas it-telf tal-ikel tul il-ktajjen tal-produzzjoni u tal-provvista, inkluż it-telf ta' wara l-ħsad, għandu jintlaħaq sal-2030;

19. JISSOTTOLINJA li l-għeluq taċ-ċirku fit-tessuti huwa kruċjali, minħabba li l-konsum tat-tessuti huwa stmat li ser jirdoppja sal-2030, it-tessuti għandhom rati ta' rkupru materjali baxxi ħafna u l-produzzjoni tat-tessuti għandha impronta ambjentali konsiderevoli, bil-biċċa l-kbira tal-materjal li jispiċċa għall-inċinerazzjoni jew fil-landfills; JISĦAQ li l-Istati Membri jridu jikkonformaw mar-rekwiżit li jiġbru t-tessuti separatament sa tmiem l-2024; JAPPELLA GĦAL Strateġija tal-UE fil-qasam tat-Tessuti biex is-settur tat-tessuti jitbiegħed minn xejriet ta' produzzjoni u konsum li mhumieq sostenibbli lejn ktajjen tal-valur aktar sostenibbli u ċirkolari, inkluż riċiklaġġ industrijali ta' kwalità għolja; JISĦAQ li dan ma jistax jinkiseb b'mod sħiħ mingħajr azzjoni internazzjonali; JISSOTTOLINJA l-ħtieġa għal miżuri ta' politika dwar il-prodotti, fost l-oħrajn, strumenti ekonomiċi, u l-potenzjal għall-iżvilupp ta' kriterji tal-ekodisinn għal tessuti biex tiġi promossa bidla għal ħwejjeġ u tessuti li huma aktar durabbli, li jistgħu jerġgħu jintużaw u li jistgħu jisewwew u li jservu aktar kif ukoll proċessi ta' produzzjoni aktar sostenibbli u biex jiġu indirizzati r-riskji tas-sustanzi kimiċi fit-tessuti; JIRRIKONOXXI l-ħtieġa għal aktar trasparenza u informazzjoni aħjar biex ikunu jistgħu jsiru għażliet aktar sostenibbli min-naħa tal-konsumatur; JINKORAĠĠIXXI lill-Istati Membri kollha biex jagħtu spinta lis-suq u l-innovazzjoni fil-qasam tat-tessuti ċirkolari billi jaġixxu bħala klijent ta' riferiment permezz tal-akkwist pubbliku;
20. JISSOTTOLINJA l-importanza ta' politika ambizzjuża għat-tnaqqis tal-emissjonijiet fis-settur tat-trasport fil-kuntest tal-viżjoni strateġika Ewropea fit-tul għal ekonomija newtrali għall-klima; JISĦAQ li huma meħtieġa bidliet fit-teknoloġija, l-użu tal-materjali fil-vetturi, is-servizzi tal-mobbiltà u d-drawwiet tal-konsumaturi sabiex jinħolqu sistemi ta' mobbiltà sostenibbli; ITENNI li t-transizzjoni lejn l-elettromobbiltà għandha tkun akkumpanjata minn politiki koerenti li jappoġġaw l-iżvilupp ta' teknoloġiji biex titjieb is-sostenibbiltà u ċ-ċirkolarità tal-batteriji u l-mobbiltà bl-idroġenu;
21. JISSOTTOLINJA li l-minimizzazzjoni tal-impatti ambjentali negattivi tal-prodotti elettroniċi teħtieġ azzjonijiet immirati li jkopru l-katina tal-valur kollha, li fost affarijiet oħra tindirizza l-użu dejjem jiżdied ta' prodotti elettroniċi u batteriji li fihom materja prima kritika; JIRRIKONOXXI li l-użu dejjem jikber u ċ-ċikli qosra tal-ħajja tal-prodotti tal-ICT, kif ukoll il-kapaċità taċ-ċentri tad-data, iżidu d-domanda għall-enerġija u l-materja prima kritika; JISĦAQ il-ħtieġa għal aktar miżuri ta' effiċjenza u ta' tfassil biex jikkontribwixxu għal diġitalizzazzjoni sostenibbli u ċirkolari fl-UE;

22. JILQA' l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni tad-Direttiva dwar il-Batteriji u JAPPROVA s-sejbiet ewlenin tagħha; JAPPELLA għal reviżjoni urġenti tad-Direttiva dwar il-Batteriji b'enfasi speċjali fuq it-titjib tad-definizzjonijiet tat-tipi differenti ta' batteriji, it-titjib tal-ġbir separat u r-riċiklaġġ ta' kull tip ta' batterija, billi tiġi stimulata s-sostituzzjoni tal-batteriji b'użu uniku b'dawk rikarikabbli u l-użu mill-ġdid ta' batteriji; JINNOTA li r-reviżjoni għandha tinkludi l-materjali kollha rilevanti għall-batteriji u għandha tikkunsidra, b'mod partikolari, ir-rekwiżiti speċifiċi għal-litju u l-kobalt kif ukoll mekkaniżmu li jippermetti l-adattament tad-Direttiva għall-bidliet futuri fit-teknoloġiji tal-batteriji; JISSOTTOLINJA l-potenzjal fl-iżvilupp ta' kriterji tal-ekodisinn għall-batteriji b'appoġġ għaċ-ċirkolarità;
23. JENFASIZZA l-fatt li l-Istrateġija tal-UE dwar il-Plastik hija bbażata fuq it-transizzjoni lejn ekonomija ċirkolari; JAPPELLA Għall-implimentazzjoni sħiħa tal-Istrateġija u ta' azzjoni ulterjuri possibbli f'setturi ewlenin li jużaw il-plastiks, inkluż l-imballaġġ, il-konstruzzjoni, il-karozzi, l-elettronika, it-tessuti u l-agrikoltura; IFAKKAR li, sal-2030, l-imballaġġ tal-plastik kollu mqiegħed fis-suq tal-Unjoni għandu jkun jista' jerġa' jintuża jew ikun riċiklabbli u l-kapaċità għall-għażla u r-riċiklaġġ fl-UE tenħtieġ li tiżdied b'erba' darbiet meta mqabbla mal-2015; JISTIEDEN lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu aktar azzjoni biex jilħqu din il-mira, speċjalment billi jinkoraġġixxu mudelli ta' użu mill-ġdid u jiddisinjaw prodotti biex ikunu riċiklabbli u jistgħu jerġgħu jintużaw; JISĦAQ fuq il-ħtieġa li tiġi indirizzata l-kwistjoni ta' imballaġġ żejjed, li jiżdied l-użu ta' plastik riċiklat u, sabiex jiġu minimizzati r-riskji għall-ekonomija ċirkolari, li jiġi żviluppat qafas ta' politika ambjentali ċar u robust għall-plastiks b'bażi bijoloġika sostenibbli u l-bijodegradabbiltà mingħajr dewmien; JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġaw proġetti pilota u l-espansjoni ta' teknoloġiji innovattivi, bħalma hu r-riċiklaġġ tal-plastik bi proċess kimiku, mekkaniku avanzat jew ibbażat fuq solvent;

24. JILQA' t-tmexxija tal-Unjoni fl-isforzi globali biex tiġi appoġġata bidla minn produzzjoni u konsum tal-plastik lineari għal dawk ċirkolari sabiex jitnaqqas l-iskart fil-baħar, inkluż mill-mikroplastiki, kemm minn sorsi fuq l-art kif ukoll dawk fl-ilma; JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni taċċellera l-istabbiliment tar-restrizzjonijiet fuq il-mikroplastiki miżjuda intenzjonalment u tikkunsidra possibbiltajiet għat-tnaqqis ta' mikroplastiki rilaxxati b'mod mhux intenzjonali; JAPPELLA GĦAL valutazzjoni ta' ftehim globali potenzjali li jindirizza ċ-ċiklu sħiħ tal-ħajja tal-plastik bil-għan li jitwaqqaf l-iskart tal-plastik minn sorsi fuq l-art u fl-ilma milli jidħlu fl-oċeani; JISĦAQ, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa għal kooperazzjoni reġjonali b'saħħitha u effettiva mal-pajjiżi li l-fruntieri tagħhom imissu mal-Unjoni;
25. JISSOTTOLINJA l-importanza li tiġi indirizzata l-iskarsezza tal-ilma u n-nixfa fl-Unjoni, li mistennija tmur għall-aġar fil-kuntest tat-tibdil fil-klima; IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, flimkien mal-partijiet ikkonċernati, biex jippromwovu l-użu mill-ġdid tal-ilma u jnaqqsu t-tnixxijiet tal-ilma filwaqt li jqisu l-kundizzjonijiet reġjonali fl-Unjoni kollha kif xieraq, filwaqt li jiżguraw il-protezzjoni tas-saħħa pubblika u tal-ambjent;

Tingħata spinta lill-ekonomija ċirkolari billi jinkisbu bidliet fix-xejriet tal-produzzjoni u tal-konsum

26. JAPPELLA GĦAT-tfassil u l-adozzjoni ta' proposta leġislattiva għal qafas ta' politika koerenti dwar il-prodotti bbażat fuq approċċ taċ-ċiklu tal-ħajja biex jiġu indirizzati aktar il-prodotti li jintużaw darba, il-konsum żejjed u x-xejriet ta' produzzjoni u ta' konsum li mhumieq sostenibbli; JINNOTA l-importanza tal-iżvilupp ta' mudelli ta' servizzi ċirkolari u t-tfassil ta' prodotti innovattivi; JILQA' l-azzjoni biex tingħata spinta lill-ekonomija ċirkolari billi jintużaw b'mod aktar intelliġenti l-prodotti u l-materjali, billi jiġi estiż it-tul tal-ħajja tal-prodotti u billi l-materjali jinżammu fiċ-ċiklu ekonomiku kemm jista' jkun fit-tul (rifjut, tnaqqis, tiswija, użu mill-ġdid, tfassil mill-ġdid u riċiklaġġ);

27. JISĦAQ fuq ir-rwol ewlieni tal-konsumatur fit-transizzjoni lejn ekonomija ċirkolari; JINKORAĠĠIXXI lill-Istati Membri jaħdmu mal-awtoritajiet reġjonali u lokali, jużaw għodod ta' politika, edukazzjoni, u inċentivi ekonomiċi biex jappoġġaw bidliet fl-istil tal-ħajja, li jkunu ta' benefiċċju kemm għall-ambjent kif ukoll għall-ħiliet, is-saħħa u l-benesseri tan-nies; f'dan ir-rigward, JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tiżviluppa strumenti ta' informazzjoni dwar il-prodotti mmirati lejn il-konsumaturi dwar elementi bħat-tul tal-ħajja u l-possibbiltajiet ta' tiswija tal-prodott, u biex tikkunsidra kif tinċentiva lill-konsumaturi biex jikkontribwixxu aktar għall-ekonomija ċirkolari; JAPPELLA GĦAL soluzzjonijiet diġitali biex tittejjeb il-kondiviżjoni ta' informazzjoni, prodotti u servizzi sabiex iċ-ċittadini jingħataw is-setgħa li jsiru parteċipanti attivi biex flimkien joħolqu soluzzjonijiet għal ekonomija ċirkolari;
28. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi sistema komuni tal-UE għall-kondiviżjoni ta' informazzjoni tul il-ktajjen tal-valur biex tiżgura u tippermetti l-użu sostenibbli ta' prodotti u servizzi sabiex jitnaqqsu kemm jista' jkun l-impronta ambjentali u tal-karbonju tagħhom; JAPPELLA LILL-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jistabbilixxu sforz imsaħħaħ u kkoordinat mill-UE biex jiġbru data dwar l-impatt fuq il-gass serra tal-użu ta' materjali u jagħmlu użu minn din id-data fl-istrumenti ta' informazzjoni dwar il-prodott, fl-immudellar ta' emissjonijiet ta' gass serra u fil-politika dwar il-klima;
29. IFAKKAR fl-importanza ta' responsabbiltà estiża tal-produttur (EPR) fil-promozzjoni taċ-ċirkolarità; JIRRIKONOXXI li l-bejgħ online li qed jikber minn pajjiżi terzi joħloq problemi għas-sistemi eżistenti tal-EPR li għandhom jiġu indirizzati fil-livell tal-Unjoni fi ħdan id-dispożizzjonijiet u r-regoli tal-EPR; JAPPELLA LILL-Kummissjoni biex teżamina aktar il-possibbiltajiet li tintuża l-EPR biex jiġu stimulati mudelli ta' negozju ċirkolari u biex tiġi pprovduta gwida dwar l-użu effettiv tal-ekomodulazzjoni tat-tariffi tal-EPR għall-appoġġ tad-disinn għaċ-ċirkolarità;

30. JENFASIZZA l-importanza tal-oqfsa dwar l-Ekodisinn u t-Tikkettar tal-Enerġija, li rnexxielhom jagħmlu għadd dejjem akbar ta' prodotti relatati mal-enerġija aktar effiċjenti fl-enerġija; JAPPELLA LILL-Kummissjoni biex tadotta Pjan ta' Ħidma dwar l-Ekodisinn biex taġġorna l-miżuri eżistenti sabiex tlaħħaq mal-avvanzi teknoloġiċi u tiżviluppa miżuri għal gruppi ġodda ta' prodotti, b'fokus partikolari fuq prodotti tal-ICT; IFAKKAR lill-Kummissjoni biex tesplora l-possibbiltà li jiġu stabbiliti rekwiżiti orizzontali tal-effiċjenza tar-riżorsi kif imsemmi fil-Pjan ta' Ħidma dwar l-Ekodisinn 2016-2019; JAPPELLA LILL-Kummissjoni biex tinkorpora kriterji dwar l-effiċjenza materjali (id-durabbiltà, il-possibbiltà ta' tiswija, ir-riċiklabbiltà u l-kontenut riċiklat) u l-kunċett ta' sikur fid-disinn f'miżuri ta' ekodisinn; barra minn hekk JAPPELLA LILL-Kummissjoni biex tivvaluta l-applikazzjoni possibbli tal-prinċipji tal-ekodisinn lil hinn mill-prodotti relatati mal-enerġija u tressaq 'il quddiem proposta leġislattiva, kif adatt;
31. JILQA' l-pilotaġġ tal-metodoloġija tal-Impronta Ambjentali tal-UE u JĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni biex tesplora jekk tistax tintuża bħala waħda mill-metodoloġiji fl-iżvilupp ta' kriterji għal miżuri ta' politika dwar il-prodotti, eż. l-Ekotikketta tal-UE, l-Ekodisinn u l-Akkwist Pubbliku Ekoloġiku tal-UE; JILQA' l-inizjattivi kollha li jappoġġaw il-komunikazzjoni ta' impatti ambjentali abbażi tal-proġett pilota dwar l-Impronta Ambjentali u eventwalment it-twaqqif ta' skema obligatorja għat-talbiet ambjentali; JAPPELLA LILL-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex itejbu l-għarfien tal-Ekotikketta tal-UE u tal-Iskema ta' Ġestjoni u Verifika Ambjentali (EMAS) u fl-istess ħin biex ikabbru l-użu tagħhom mill-industrija u minn organizzazzjonijiet oħra;
32. JAPPELLA LILL-Kummissjoni biex tippreżenta strateġija tal-Unjoni għal ambjent mhux tossiku li jiggarantixxi ċiklu ta' materjal mhux tossiku li jimmira għal allinjament aħjar tas-sustanzi kimiċi, tal-prodotti u tal-politika dwar l-iskart; JIRRIKONOXXI f'dan il-kuntest ir-rwol importanti tat-traċċabbiltà, it-trasparenza u l-iskambju ta' informazzjoni fil-fażijiet kollha tal-katina tal-valur;

33. JAPPELLA BIL-QAWWA għal inizjattivi ġodda u t-trasferiment ta' għarfien espert dwar il-proċessi u t-teknoloġiji industrijali, l-iskambju tal-aħjar prattiki u n-netwerking tal-partijiet ikkonċernati fil-qasam tal-ekonomija ċirkolari, inkluż il-bijoekonomija ċirkolari; JISSOTTOLINJA l-importanza tas-simbjożi industrijali u r-rwol tagħha fil-promozzjoni tal-effiċjenza fir-riżorsi, is-swieq tal-materja prima sekondarja u t-teknoloġiji innovattivi;
34. JISSOTTOLINJA l-importanza tal-innovazzjoni, ir-riċerka, id-diġitalizzazzjoni u l-mudelli ta' negozju ġodda, bħan-negozji bbażati fuq is-servizzi u l-ekonomija kollaborattiva, fit-tnaqqis tal-konsum ġenerali tal-materjali, it-titjib tal-effiċjenza fir-riżorsi, il-promozzjoni ta' approċċi kimiċi ekoloġiċi u sostenibbli u alternattivi mhux kimiċi, it-titjib tar-riċiklabilità u ż-żieda fit-tul tal-ħajja tal-prodotti; JISĦAQ fuq il-ħtieġa għal finanzjament pubbliku u privat adegwat, inkluż permezz ta' Orizzont Ewropa, biex issir ir-riċerka meħtieġa u titrawwem l-innovazzjoni u għall-isforzi koordinati biex jiġi ottimizzat l-użu tal-finanzjamenti u l-kapaċitajiet skarsi;

Strumenti ekonomiċi għall-ekonomija ċirkolari

35. JINKORAĠĠIXXI lill-Istati Membri biex japplikaw strumenti ekonomiċi, bħat-tassazzjoni ambjentali, ir-riformi tat-taxxa ekoloġiċi u l-EPR, biex jippromwovu xejriet ta' produzzjoni u konsum aktar sostenibbli u ċirkolari u biex itejbu l-immaniġġjar tal-iskart b'mod konsistenti mal-ġerarkija tal-iskart; u JIRRIKONOXXI l-importanza li tiġi indirizzata r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju; barra minn hekk JINKORAĠĠIXXI t-tneħħija gradwali ta' sussidji li jagħmlu ħsara lill-ambjent biex tiġi ffaċilitata l-bidla strutturali lejn mudelli ta' negozju ċirkolari aktar innovattivi u sostenibbli; JAPPELLA LILL-Kummissjoni biex tipprovdi pariri lill-Istati Membri dwar għodod ta' politika u strumenti ekonomiċi effettivi u dwar kif jiġu implimentati fil-livell nazzjonali;

36. JISĦAQ li l-akkwist ta' prodotti u servizzi ċirkolari jista' jagħti spinta lis-swieq ċirkolari u lill-investimenti f'ċikli nodfa, sikuri, mhux tossiċi u sostenibbli; JAPPELLA LILL-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiffukaw fuq l-akkwist pubbliku ċirkolari f'setturi prijoritarji u jaqsmu esperjenzi dwar proġetti pilota u l-aħjar prattiki; JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipprovdu gwida addizzjonali għall-Akkwist Pubbliku Ekoloġiku u jeżaminaw monitoraġġ possibbli tal-impatt tiegħu;
37. JISĦAQ l-importanza ta' finanzjament sostenibbli u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-Finanzjament tat-Tkabbir Sostenibbli fit-transizzjoni lejn ekonomija ċirkolari; JILQA' l-approċċ tal-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) fl-appoġġ tat-transizzjoni lejn ekonomija ċirkolari u jinkoraġġixxi lill-BEI biex ikompli jipprovdi tali finanzjament u biex jgħin iżid is-sensibilizzazzjoni fost il-gvernijiet, in-negozji u l-investituri biex jaħdmu lejn ekonomija ċirkolari;
38. JISTIEDEN lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jinkoraġġixxu n-negozji u s-settur finanzjarju biex jużaw miri ta' prestazzjoni ambjentali ċari u komparabbli biex jiggwidaw l-investimenti tagħhom; JAPPELLA li jkun hemm skambju tal-aħjar prattiki rigward l-involviment tas-settur privat fil-finanzjament sostenibbli.
-